



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 11 ta' Ottubru 2022
(OR. en)

13167/22

LIMITE

CORLX 883
CFSP/PESC 1279
COAFR 250
COARM 190
FIN 1037

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2022/...

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni 2010/638/PESK
dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fil-25 ta' Ottubru 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/638/PESK¹, dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea.
- (2) Abbażi ta' rieżami tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK, dawk il-miżuri restrittivi jenħtieġ li jiġu estiżi sas-27 ta' Ottubru 2023.
- (3) Il-Kunsill iqis li t-titlu tad-Deċiżjoni 2010/638/PESK jenħtieġ li jiġi emendat.
- (4) Għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni 2010/638/PESK tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

¹ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi kontra r-Repubblika tal-Guinea (ĠU L 280, 26.10.2010, p. 10).

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2010/638/PESK hija emendata kif ġej:

(1) it-titlu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Deċiżjoni tal-Kunsill 2010/638/PESK tal-25 ta' Ottubru 2010 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Guinea";

(2) Fl-Artikolu 8, paragrafu (2) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"2. Din id-Deċiżjoni għandha tapplika sas-27 ta' Ottubru 2023. Hija għandha tinżamm taħt rieżami kostanti. Hija għandha tiġġedded jew tiġi emendata, kif xieraq, jekk il-Kunsill iqis li l-oġġettivi tagħha ma jkunux intlaħqu.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill

Il-President